MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 318/2013

**P. Cutajar & Co Ltd**

**(C 293)**

**vs**

**MK Leisure Limited**

**(C 36713)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, hames mija u hamsa u disghin Euro u tmenin centezmu (€4,595.80) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci lilhom mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax kummercjali mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li hija ingunta in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta' intimata fis 6 ta' Marzu 2014 (fol 8 tergo).

Illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 11).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 rappresentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u**

**hamsa u disghin Euro u tmenin centezmu (€4,595.80) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------